**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju 2018**

**Talba Nru: 155/18 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Opus Trading Limited (C53032)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fid-19 t'April 2018 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hames mija u erbgha w sittin Euro u tmintax-il centezmu (€564.18) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40178579.

Illi interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittjiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 1566/17, bl-imghaxijiet legali sa mill-15 ta' Gunju 2017, data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficcjali.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' Paul Gatt, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta' konvenuta.

Ra li waqt is-seduta tal-lum il-kawza giet posposta sabiex tinghata sentenza llum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob il-hlas ta' hames mija u erbgha w sittin Euro u tmintax-il centezmu (€564.18) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40178579.

2. Illi x-xhud Paul Gatt ghas-socjeta' attrici kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

1. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:
>
> (b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

2. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

3. Fil-kaz odjern, is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata u la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal fil-21 u 28 ta' Mejju 2018.

4. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

5. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mis-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha w sittin Euro u tmintax-il centezmu (€564.18) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur